FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

19 ta' Frar April 2014

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Straordinarja tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana nzammet **nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2014 fis-3.30pm.** L-agenda ghal din il-laqgha kienet din :-

1. Approvazzjoni tal-Financial Statements
2. Evalwazzjoni tal-Offerta- Live Streaming

Ghal-Laqgha Straordinarja tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **s-Sindku Nigel Holland, , il-Vici-Sindku Matthew Paris, u l-kunsilliera Vincent Borg u Edward Torpiano, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv**

**Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ma setghetx tkun prezenti.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1. Approvazzjoni tal-Financial Statements

1.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja u stieden lil Accountant tal-Kunsill Paul Bugeja CPA jinghaqad mal-mejda sabiex jispjega il-Financial Statements.

1.2 L-Accountant beda billi rrimarka li is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet ahjar minn dik tas-sena l-ohra, dan kien grazzi ghall-fatt li l-Kunsill kien irnexxielu inaqqas l-ispejjez.

1.3 L-Accountant kompla billi spjega iktar fid-dettall il-figuri, fejn anke wiegeb ghal xi mistoqsijiet li sarulu mill-membri tal-Kunsill.

1.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni sabiex jigu approvati l-Financial Statements tas-sena 2013, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, ET, NH, VB)
Kontra: 0

## 2. Evalwazzjoni tal-Offerta- Live Streaming

2.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja u stieden lis-Segretarju Ezejkuttiv jaghti spjegazzjoni.

2.2. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li wara li Kunsill kien irrakkomanda lil Smart ICT, din ir-rakkomandazzjoni ghaddiet ghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jigi ivverifikat li jintlahqu ir-rekwiziti mitluba, permezz ta l-esperti li gew imqabbda apposta ghal dan . Id-Dipartiment, irrisponda li ma kienux jintlahqu ir-rekwiziti kollha, ghal daqstant giet evalwata l-offerta tal-offerent li kien baqa, dik ta Correct Terminations Ltd

2.3. Id-Dipartiment ikkonferma li dan l-offerent jilhaq ir-rekwiziti kollha mitluba.

2.4. Il-Kunsillier Vince Borg ressaq mozzjoni sabiex tintaghzel l-offerta ta Correct Terminations Ltd, issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, ET, NH, MP)
Kontra: 0

Il-laqgha ntemmet fis-16.15.

Nigel Holland
V Sindku Matthew Paris

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv